**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 7 ta' Frar, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 1021/2017 AF**

**Darren Cordina u n-Nutar Dottor Melvin Polidano**

**vs**

**Automated Revenue Management Services Limited (C-46054)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Darren Cordina u n-Nutar Melvin Polidano, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

L-esponenti Darren Cordina huwa s-sid tal-fond li jinsab tnejn u sebgħin (72), fi Triq Sant' Andrija ġewwa Ħal-Lija, f'liema fond huwa jabita flimkien mal-esponenti l-ieħor u ċioè n-Nutar Dottor Melvin Polidano.

L-esponenti huma suppliti bis-servizz tal-utilità tad-dawl fl-imsemmi fond.

Is-soċjetà intimata Automated Revenue Management Services Limited li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni (C- 46054) hija s-soċjetà li tibgħat il-kontijiet u tiġbor il-ħlas tal-istess kontijiet b'referenza għall-konsum ta' tali utilità.

L-esponenti Darren Cordina kien irċieva l-kont hawn anness u mmarkat bħala Dokument DC1 liema kont kien ikopri talba għall-ħlas għal perjodu bejn is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) sas-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017).

Jirrizulta li l-esponenti kien qiegħed jintalab sabiex iħallas għall-konsum tas-servizz provdut mis-soċjetà intimata b'rata pro rata fuq bażi annwali meta fil-fatt dan ma kellux isir u dana peress li l-liġi sussidjarja 545.01 senjatament l-ewwel skeda (Regolament 36) subinċiz tnejn (2) jipprovdi li t-tariffi għas-servizzi għall post residenzjali għandhom ikunu suġġetti għat-tariffa tal-konsum li hu ibbażat fuq konsum kumulattiv annwali u li tista tiġi komputata fuq bazi prorata u dan skont l-iskaletta li hemm fl-istess skeda; b'dana li trid issir eventwali komputazzjoni li tirrifletti l-konsum attwali annwali u jekk ikun il-kaz rifuzjoni ta' ħlasijiet eċċessivi li jkunu tħallsu mill-konsumatur tul is-sena jew talba għall-ħlas f'kaz li l-konsumatur ikun eċċeda l-konsum tiegħu.

L-esponenti Darren Cordina bħala sid il-fond u l-persuna li kien qiegħed jirċievi l-kontijiet, pprezenta protest li fih huwa ikkontenda li l-avviz tal-ħlas li huwa irċieva ma jirriflettix dak li tipprovdi l-iskeda fl-imsemmi avviż legali nkwantu kif kellu jinħadem l-ammont dovut fuq bazi annwali u lanqas ma tipprovdi għall eventwali rifuzjoni jew talba għall ħlas f'każ li l-konsum ikun eċċeda t-talba għall-ħlas maħduma bil-prorata.

Għalkemm imsejħa sabiex jirrevedu t-tariffa sabiex din tkun tirrifletti l-Avviż Legali, anki bi protest uffiċjali liema protest iġib in-numru 126/2017 u li kien ġie notifikat lil Automated Revenue Management Services Limited nhar it-2 ta' Mejju tas-sena 2017, hawn anness u mmarkat Dokument DC2, is-soċjetà

Automated Revenue Management Services Limited baqgħet ma ottempratx ruħha, anzi rrispondiet lura b'mod li lanqas biss jinkwadra f'dak mitlub mill-protestant fl-imsemmi protest.

Sussegwentement ġie pprezentat protest ieħor li jġib in-numru 2567/17 kopja vera ta' liema protest qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument DC3.

Dan il-metodu ta' komputazzjoni jmur kontra:

i. Leġislazzjoni favur il-konsumaturi u ċioè id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-konsumatur;

ii. Id-Direttiva 2012/27UE dwar l-efficjenza fl-energija; u

iii. Id-Direttiva 2005/29UE dwar prattiċi kummerċjali zleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern.

In oltre hemm informazzjoni li għandha tkun disponibbli għall-klijenti finali bi kliem ċar u li jinftiehem jew mehmuża mal-kontijiet, kuntratti, transazzjonijiet, u irċevuti tagħhom fl-istazzjonijiet ta' distribuzzjoni u ċioè,

i. il-prezzijiet attwali kurrenti u l-konsum attwali tal-enerġija;

ii. paraguni bejn il-konsum kurrenti ta' enerġija tal-klijent finali mal-konsum għall-istess perijodu fis-sena ta' qabel, preferibbilment f'forma grafika;

liema informazzjoni ma hijiex provduta fil-kontijiet tal-ARMS Ltd ma jipprovdux.

Nonostante l-interpellazzjoni permezz ta' żewġ protesti, is-soċjetà intimata baqgħet inadempjenti u kien għalhekk li l-esponenti kellhom jintavolaw din il-kawża għal finijiet u effetti kollha tal-liġi peress li l-kontijiet li qegħdin jirċievu ma humiex jirriflettu il-konsum reali li hemm ġewwa l-imsemmi fond b'mod annwali.

B'konsegwenza ta' dawn il-kontijiet li qegħdin jirċievu l-esponenti, huma ma jistghux igawdu s-sistema ta' *underfloor heating* li hemm installata fir-residenza tagħhom u lanqas ma jistgħu jikkonsmaw is-servizz kif jixtiequ huma.

L-esponenti anki ġew mhedda li ser jinqatghalhom il-provvista tad-dawl u kellhom iħallasu il-kont eċċessiv taħt protesta, kopja tal-kont u tac-cheque tal-ħlas hawn annessi bħala <u>Dokumenti DC4</u> u <u>Dokument DC5</u>.

Dawn in-nuqqasijiet tas-soċjetà intimata qegħdin jikkawzaw danni nġenti lir-rikorrenti konsistenti f'kontijiet eċċessivi u limitazzjoni fl-użu tas-sistema minnhom installata fir-residenza tagħhom u dana b'detriment għalihom kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

i. Tiddikjara illi l-komputazzjonijiet kif magħmulha mis-soċjetà intimata huma in vjolazzjoni u kontra ta' dak li tipprovdi l-liġi sussidjarja 545.01 u ċioè leġislazzjoni favur il-konsumaturi u ċioè id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-konsumatur u id-Direttiva 2012/27UE dwar l-efficjenza fl-energija u 2005/29UE kif trasposta f'Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta dwar prattiċi kummerċjali zleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern;

ii. Tordna lis-soċjetà intimata sabiex terġa tirrevedi l-komputazzjoni tagħha fil-kontijiet tal-esponenti sabiex din tkun tirrifletti dak li jipprovdu l-imsemmija direttivi;

iii. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-soċjetà konvenuta qegħda tikkawża danni lill-esponenti;

iv. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi konsegwenza tal-istess nuqqasijiet tas-soċjetà intimata li tagħmel komputazzjonijiet skont il-liġi jekk hemm bzonn okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

v. Tikkundanna u tordna lis-socjetà konvenuta sabiex thallas lil-attur dawk id-danni hekk kif likwidati minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra s-soċjetà intimata li hi minn issa nġunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata tal-Automated Revenue Management Services Limited li permezz taghha, gie eccepit illi:

Preliminarjament, l-inkompetenza *rationae materiae* ta' din l-Onorabbli Qorti in kwantu r-revizjoni ta' att amministrattiv da parti tas-socjetà esponenti hija fil-kompetenza esklussiva ta' Tribunal specjali, u ghal kull buon fini u minghajr pregudizzju ghal dan qed tigi eccepita wkoll id-dekanza ta' sitt (6) xhur ai termini tal-artikolu 469(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

In linea preliminari, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors guramentat huwa null u bla effett in kwantu:

a. Huwa konfuzjonarju u ma jfissirx car u sewwa l-oggett tal-kawza skond kif mehtieg a tenur tal-artikolu 156(1)(a) u (b) tal-Kap. 12.

b. Ma hux sufficjentament car liema artikoli tad-Direttivi qed issir riferenza ghalihom u kif allegatament qed issir xi lezjoni taghhom tal-Kap. 378 u tal-ligi Sussidjarja Maltija.

c. Hemm kumulu ta' azzjonijiet differenti u kunfliggenti.

u dan ipoggi lis-socjetà esponenti fl-impossibilità li tiddefendi ruhha adegwatament.

Ukoll in linea preliminari, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, u b'referenza ghat-tieni talba s-socjetà esponenti teccepixxi:

a. Il-karenza ta' interess guridiku tar-rikorrent, in kwantu tali talba tolqot il-kontijiet ta' kulhadd, u mhux biss tar-rikorrenti;

b. Illi tali talba hija improponibbli in kwantu hija talba sabiex ticcensura jew tirregola azzjona ipotetika futura tas-socjetà eccipjenti.

Ukoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet huma improponibbli u ghandhom ikunu michuda in kwantu qed jinvokaw direttament id-Direttivi tal-UE.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu ma hux minnu li hemm xi ksur ta' ligi u, jew direttivi, fil-kontijiet mahruga mill-eccipjenti.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba ghall-hlas ta' danni hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tkun michuda billi fil-kaz *de quo* ma jezistux ir-rekwizi legali u fattwali sabiex tigi sostnuta tali talba, u fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrenti ma sofrewx danni.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri, partikolarment dawk li jistghu jigu invokati wara li jkunu trattati l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-eccipjenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tar-rikorrenti datata 17 ta' April 2018 li permezz taghha huma rtiraw it-tieni talba fir-rikors guramentat taghhom.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' April 2018 fejn in vista ta' din in-nota, ARMS Limited irtirat it-tielet eccezzjoni taghha.

Semghet xhieda viva voce.

Rat l-affidavit prodotti u d-dokumenti esibiti.

Semghet lid-difensuri jittrattaw.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjetà intimata.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza r-rikorrenti qed jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara li s-socjetà intimata mhijiex qeghda tikkalkula l-kontijiet tal-elettriku taghhom skond il-ligi.

Preliminarjament ARMS Limited teccepixxi n-nullità tar-rikors promotur u l-inkompetenza "*rationae materiae*" ta' din il-Qorti biex tisma' u taqta' din il-kawza.

Is-sentenza odjerna qeghda tiddisponi minn dawn iz-zewg eccezzjonijiet.

ARMS tikkontendi li r-rikors promotur huwa null ghaliex ma jfissirx car l-oggett tal-kawza u huwa kumulu ta' azzjonijiet differenti u konfliggenti.

L-Art. 789 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> *"(1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata –*
>
> *(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;*
>
> *(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;*
>
> *(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;*
>
> *(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:*
>
> *Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.*

*(2) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' att, taħt is-subartikolu (1)(ċ), ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara,mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità."*

Il-principji li jirregolaw l-applikazzjoni ta' dan il-provvediment gew konsistentement applikati minn dawn il-Qrati u essenzjalment jinkludu s-segwenti:

- Il-kazijiet fejn tista' tirnexxi l-eccezzjoni huma tassattivament dawk elenkati fil-fuq citat artikolu tal-Kap. 12.

- Citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba.

- Citazzjoni ma tigix skartata ghajr ghal ragunijiet gravi.

- Fejn ma hemmx kontradizzjoni ghall-ahhar bejn premessi u talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qorti trid tqis b'cirkospezzjoni l-eccezzjoni, il-kwalifika fil-kuntest ghandha tkun il-kjarezza tal-intenzjoni.

- L-oggett tal-kawza u r-raguni jridu jkunu mfissra cara.

- Premessi guridikament distinti u talbiet kontraditorji jwasslu ghan-nullita' tac-citazzjoni.

Il-Qorti tirreferi f'dan il-kuntest ghas-sentenzi "Fenech vs Grech" (Prim'Awla, deciza mill-Imhallef J. R. Micallef fl-24 ta' Settembru 2001), "Licari vs Cassar" (deciza mill-Imhallef R. C. Pace fit-12 ta' Dicembru 2001) u "Aquilina vs Aquilina" (deciza fil-21 ta' Marzu 1988).

Inoltre, kif irriteniet il-Qorti fil-kawza "Malta Development Corporations vs Licari Paul" (deciza fit-22 ta' April 2004).

*"Huwa principju inderogabbli li l-azzjoni tigi kontenuta fil-premessi u fit-talbiet b'mod li jigu sodisfatti r-rekwiziti tal-Art. 156 imma huwa wkoll mehtieg ad substantia et validatem illi l-azzjoni tkun wahda kjarament identifikata fil-ligi."*

*"**Francis Xavier sive Mose' Aquilina vs Carmela sive Lina Aquilina (App. Civ. 21 ta' Marzu 1988)**, li minnha l-konvenut iqajjem il-punt li biex 'tigi dikjarata nulla l-azzjoni u jitwaqqaf il-kors taghha, jenhtieg li jikkonkorru ragunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut'."*

Minn naha l-ohra fil-kawza "Capua Palace Limited vs Arcidiacono Boris" (deciza fil-31 ta' Jannar 2003) gie ritenut illi:

*"Fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-permessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b'cirkospezzjoni eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju. Biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita' huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur;*

*Hu necessarju illi jkun jirrizulta rapport ta' konnessjoni ragjonevolment identifikabbli bejn il-premessi migjubin bhala l-kawza tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut."*

Ir-rikorrenti jsostnu li ARMS Limited qeghda tikkalkula l-kontijiet taghhom b'tali mod li l-ligijiet regolatorji fil-kuntest mhumiex jigu rispettati. L-ghan taghhom huwa car u ARMS Limited tidher li fehemitu sewwa tant li l-provi li digà tressqu jindirizzaw il-lanjanzi tar-rikorrenti attivament. Il-Qorti inoltre, ma ssib xejn konfliggenti fid-diversi talbiet tar-rikorrenti.

Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha Gatt et vs Cassano (29 ta' Mejju 2015):

*"Biex att bhal rikors guramentat jghaddi mill-prova tal-validità, huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna konvenuta tifhem l-intenzjoni ta' min iharrikha, F'kaz ta' diversi talbiet, l-istess att jitqies validu jekk dawn, ankorke jkunu fl-alternattiv, ma jkunux kontradittorji u jidderigu l-meritu lejn ghan wiehed."*

Fid-dawl ta' dawn il-principji ghalhekk il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni ta' ARMS Limited ma tiswiex u qeghda ghalhekk tigi michuda.

L-intimata teccepixxi wkoll l-inkompetenza ta' din il-Qorti "*rationae materiae*" ghaliex skond ARMS, il-vertenza taqa' fil-kompetenza esklussiva ta' Tribunal specjali. Hawnhekk ukoll, din il-Qorti hi tal-fehma li ARMS Limited m'ghandhiex ragun. L-ghan ahhari tar-rikorrenti f'din il-kawza mhuwiex il-kalkolu tal-kontijiet taghhom *per se*. Il-kontijiet qeghdin jigu kalkolati skond regoli vigenti. Huma effettivament qeghdin jikkontendu li huma r-regoli vigenti li skonthom qed jinhadmu l-kontijiet li huma hziena, u din il-materja, din il-Qorti tista' validament tissindikaha. Ir-rikorrenti qeghdin effettivament jilmentaw li r-regoli li jipprovdu ghal kalkoli fuq bazi "*pro rata*" jiksru l-L.S. 545.14 (Regolamenti fuq il-Provista tal-Elettriku) ghaliex ma jipprovdux ghal xi forma ta' rikonciljazzjoni fl-ahhar tas-sena.

Ir-rikorrenti jenfasizzaw fil-kuntest illi l-azzjoni taghhom mhijiex wahda ta' stharrig gudizzjarju ta' eghmil amministrattiv, izda ta' stharrig ta' eghmil legislattiv. Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Borg vs Ministru responsabbli mill-Gustizzja u l-Intern et (8 ta' Novembru 2005):

> *"Fis-sistema legali taghna qatt ma gie dubitat li ligi sussidjarja tista' tigi sindikata mill-Qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja – in effetti mill-Prim'Awla – biex wiehed jara jekk tali ligi hi intra vires jew ultra vires is-setghat moghtija mill-Parlament. Id-dritt ta' kull persuna li titlob lill-Qorti li hekk tissindika tali ligijiet illum huwa garantit bl-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni meta moqri flimkien mad-definizzjoni ta' ligi moghtija fl-Artikolu 124(2) ta' l-istess Kostituzzjoni."*

Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenza taghha kif presjeduta fil-kawza Global Capital Fund Advisors Limited vs Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji et (15 ta' April 2015).

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' Automated Revenue Services Limited u tordna li l-kawza titkompla fuq il-mertu.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG